Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 134/2003

**Victor Xuereb**

**vs**

**James Grech**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tikkundanna lill-konvenut James Grech ihallas is-somma ta’ erba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm450) dovuti bhala danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ April tas-sena elfejn u tlieta (2003) fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex bejn il-vettura tal-marka Rover u bin-numru tar-registrazzjoni BBN 625 appartenenti lil Mary Grech u misjuqa mill-konvenut James Grech u l-vettura tal-marka Kia Pride u bin-numru tar-registrazzjoni CBG 926 appartenenti lill-attur u misjuqa minn Mary Xuereb, u ta’

liema incident inti konvenut kont unikament responsabbli minhabba imperizja, sewqan eccessiv, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fis-sitta (6) ta' Mejju 2003, ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Awissu 2003 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma' dan l-avviz lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Jesponi bir-rispett u jikkonferma bil-gurament:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi l-incident imsemmi fl-avviz sehh unikament responsabilita' ta' Mary Xuereb is-sewwieqa tal-vettura ta' l-atturi, minhabba imperizja, traskuragni u ksur ta' regolamenti tat-traffiku fis-sewqan taghha.

3. Illi ghalhekk il-konvenut m'huwa tenut ihallas l-ebda danni konsegwenti ghal dan l-incident.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju qed jigi kkontestat l-ammont li qed jigi reklamat mill-attur bhala l-valur tad-danni subiti billi d-danni huma ferm inferjuri minn kif pretiz.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Sema' l-provi u acceda fuq il-post tal-incident;

Ikkunsidra:

Illi skond il-verzjoni inizjali tal-konvenut, meta sehh l-incident mart l-attur kienet qieghda taghmel U-turn u cioe'

kienet niezla fid-direzzjoni tal-Imgarr u daret lura fid-direzzjoni tar-Rabat. Issikkat in kontro-ezami, huwa biddel il-verzjoni u beda jghid li ma rax lil mart l-attur taghmel U-turn imma assuma li ghamlet hekk. Jghid ukoll li raha taqla' mil-lane fejn kien hemm il-karozzi pparkjati fuq in-naha tax-xellug tat-triq fid-direzzjoni tar-Rabat. It-Tribunal isibha ferm difficli biex jemmen li mart l-attur ghamlet manuvra ta' U-turn, imbaghad qaghdet tidhol bejn il-vetturi pparkjati; waqfet (fol 105) u mbaghad regghet harget 'il barra biex tkompli fi triqtha. Din il-verzjoni tal-incident mhix sostnuta minn Anthony Mercieca, il-passiggier li kellu l-konvenut, li qal li huwa kien aljenat jibghat messagg mic-cellulari tieghu u nduna bil-vettura tal-attur biss meta din kienet quddiem il-vettura tal-konvenut. U hija kontradetta minn mart l-attur kif ukoll minn John Camilleri u Joseph Tabone, xhieda okulari, li lkoll xehdu li Xuereb harget mid-drive-in tad-dar taghha li tinstab f'dik it-triq, telghet fid-direzzjoni tar-Rabat imbaghad kisret biex tidhol fi triq laterali – Triq il-Moghdija - fuq in-naha tal-lemin taghha.

Il-konvenut jghid ukoll li Xuereb hasditu meta qalghet lejn il-lemin u allura huwa wkoll dawwar lejn il-lemin sabiex jipprova jevitaha, imxew magemb xulxin ghal cirka 20 metru (fol 95) u illi hija xorta wahda baqghet tikser lejn il-lemin wara li gie magembha u ghalhekk sehhet il-habta. Din il-verzjoni lanqas ma hija kompatibbli mal-lokalizzazzjoni tal-hsarat tal-vettura ta' mart l-attur, li kienu fil-front bumper, stripe, reinforcement, absorber cushion, right front wing, front panel, right inner panel, u l-bonnet. (fol 14). Hija invece iktar kompatibbli mal-verzjoni li Xuereb kienet diga' daret biex tidhol fit-triq laterali, meta l-konvenut ipprova jissorpassaha, laqatha fix-xewka leminija ta' quddiem, u li baqa' jdur mal-karozza tal-attur – dan jispjega l-hsara estensiva fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza tal-attur. Ma jirrizultax li l-vetturi kienu f'xi mument isuqu magemb xulxin; ghall-kuntrarju, meta sehhet il-habta Xuereb kienet diga' kisret biex tidhol fit-triq laterali u l-konvenut gie minn warajha.

Mercieca jsostni li l-konvenut kien ghaddej b'cirka 55 kilometru fis-siegha; li mbaghad naqqasha ghal 45-50; il-

konvenut jaghti cirka 45-50 km fis-siegha, filwaqt li l-attrici tghid li l-konvenut kien qieghed isuq bi speed eccessiv u x-xhud Tabone jghid li ra lill-konvenut tiela' sparat(fol 25). Il-konvenut waqaf cirka mitt pied 'il fuq minn fejn sehhet il-habta. Brejkijiet, ex admissis, ma zammx hlief momentarjament meta sehhet il-habta. Huwa jghid li baqa' miexi biex ma jkunx ta' ostaklu ghat-traffiku. Meta wiehed isuq bil-50 kilometru fis-siegha, ghandu 9 metri distanza biex jahseb u 14-il metru distanza biex jieqaf; li flimkien jammontaw ghal distanza generali biex jieqaf ta' 23 metru. Din id-distanza hija naturalment inqas jekk wiehed ikun miexi b'inqas minn 50 kilometru, kif jghid li kien possibilment miexi l-attur. Mercieca, passiggier tal-konvenut l-ewwel xehed li x'hin mart l-attur qalghet il-barra *konna kwazi ha naqbdu maghha, magembha. Konna ftit kemm kemm lura imma* (fol 70) izda fis-seduta ta' wara qal (fol 74) li meta lemah il-vettura tal-attur, kien hemm tul bizzejjed biex tipprova tieqaf. U dan Mercieca kien aljenat bil-mobile tieghu; is-sewwieq suppost li ma kienx aljenat u ghalhekk seta' jinduna bil-vettura tal-attur sahansitra minn distanza itwal.

Il-konvenut qieghed jikkontradici lilu nnifsu bil-kbir meta fl-istess nifs jghid li Xuereb hasditu u mbaghad jghid li l-karozzi imxew gemb ma' gemb tul 20 metru shah. Jekk tabilhaqq il-konvenut kien ghaddej bi speed ta' 50 k.m. fis-siegha jew inqas, seta' facilment japplika l-brejk u jieqaf, u mhux jipprova jaghmel manuvra ta' sorpass u di piu' biex jaghmel dan jaqbez id-double white line u jmur wrong side. Manuvra bhal din issir minn min ikun ghaddej bi speed eccessiv u ma jkunx jista jwaqqaf il-vettura tieghu tempestivament.

Jirrizulta ghalhekk li l-incident sehh unikament tort tat-traskuragni, imperizja u sewqan eccessiv da parti tal-konvenut, f'parti tat-triq fejn kellu s-slow signs u di piu' hija built-up area u allura mhux konsentit sewqat b'iktar minn 50 km fis-siegha (pagna 65, Kodici ghat-Traffiku fit-Triq 2001).

Il-quantum tad-danni sofferti mill-attur gie sodisfacentement ippruvat, anke permezz tar-rapport tas-

surveyor, u del resto ma giex ikkontestat waqt is-smiegh ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' LM450 ammont ta' danni minnu sofferti kawza tal-incident awtomobilistiku msemmi fl-avviz tat-talba bl-imghax legali bid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-06.05.2003 u z-zewg ittri ufficcjali t'Awwissu 2003 u Dicembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------